MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Numru. 44/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**CARL BONNICI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carl Bonnici ta' 33 sena, bin il-mejjet Gaetano u Rose xebba Cassar, imwieled Pieta' fl-20 ta' Settembru 1979, joqghod Carl Farmhouse, Sqaq tal-Basal, Delimara limiti ta' Marsaxlokk u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 479478(M)

Gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Jannar, 2013 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' filghaxija (15:45hrs) fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun:

1. harab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

2. m'obdiex ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

3. talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' Sentenza sospiza moghtija nhar il-15 ta' Frar, 2013 mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D.

Akkuzat ukoll li sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok CF1 u nnutat li l-imputat Carl Bonnici m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu, li sar fis-Seduta tallum, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 151, 338(ee), 49, 50, 28A u 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carl Bonnici, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Carl Bonnici ghall-piena ta’ hames mitt Ewro  (Ewro 500) multa.

Inkwantu ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda kommisjoni ta' reat iehor fi zmien operattiv ta' Sentenza sospiza, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-erba' (4) snin ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin millum rigward is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D fil-15 ta' Frar, 2013 fil-konfront tal-imputat Carl Bonnici (Ara Dok CF1).

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------